# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 26/2018/1 JRM**

**George Michael Spiteri**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tar-rikorrent George Michael Spiteri minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Diċembru, 2020 dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq bażat fuq l-allegazzjoni li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta'

Ottubru 2017, fil-jum li ngħatat, kienet nieqsa għal kollox mir-raġunijiet li wasslu lil dik il-Qorti ssibu ħati tal-akkużi li kien mixli bihom u kkundannatu għal sentejn priġunerija.

2. Mill-atti jirriżulta li:

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Marzu 2018, George Michael Spiteri ippremetta u talab is-segwenti:

*"1. Illi f' Awissu 2015, l-esponent ġie mressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat:*

*"Talli nhar il-31 ta' Lulju 2015, għall-ħabta tat-8a.m. ġewwa l-Isptar San Vinċenz De Paule, fil-limiti ta' Hal Luqa:*

*"1) Bħala persuna li kienet jew missha kienet taf li Carmelo Bonello, ta' 92 sena, hu anzjan u/jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kundizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement ġiegħel jew ippermetta lill-istess Carmelo Bonello, jsofri, jew ġab fuqu uġieh fiżiku jew tbagħtija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' l-istess Carmelo Bonello, persuna anżjan u/jew adult dipendenti, xjentement ġiegħel jew ippermetta lill-istess persuna anzjana jew adult dipendenti jitqiegħed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħha tkun f' periklu;'*

*"2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Carmelo Bonello, ta' 92 sena, f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-istess pazjent;*

*"3) Talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, dolożament, bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, għamel jew naqas li jagħmel xi att b' tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor.'*

*"2. Illi l-Qorti tal-Maġisrati (Malta) wara li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu, ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;*

*"3. Illi wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali semgħet ix-xhieda u trattazzjoni tal-partijiet nhar is-26 ta' Ottubru 2017 kkundannt lill-esponent għal sentejn priġunerija;*

*"4. Illi dakinhar tas-sentenza l-Maġistrat sedenti fil-qari tas-sentenza kemm iddikjara li sab lill-esponent ħati u kkundannah għal sentejn priġunerija. Fl-ebda waqt ma ngħataw motivazzjonijiet u raġunijiet għall-istess ġudizzju.*

*"5. Illi fil-fatt jirriżulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss kienet għadha kitbet is-sentenza fil-mument tal-għoti tas-sentenza u fil-fatt dak li għamel il-ġudikant sedenti kien li kiteb dak il-ħin stess fuq fol 2 tal-proċess il-kliem "Sentejn Priġunerija", iffirma l-istess u niżżel data tas-26 ta' Ottubru 2017 [Kopja tad-dokument relattiv hawn anness u mmarkat Dok A];*

*"6. Illi l-avukat firmatarju ta' dan ir-rikors ivverifika l-atti dak il-ħin stess u in atti ma kien hemm l-ebda sentenza miktuba la l-idejn u lanqas stampata. L-istess avukat firmatarju l-għada filgħodu mar ġewwa s-sigrieta ta' l-istess Qorti u talab li jingħata kopja tas-sentenza li suppost ingħatat lill-appellant u ingħata biss id-dokument hawn anness u mmarkat Dok B fejn kien ben ċar li l-Ewwel Onorabbli Qorti sa dak il-mument kienet għada lanqas ħejjiet il-motivazzjonijiet għal dak li ddeċidiet il-jum ta' qabel;*

*"7. Illi proprju nhar il-31 ta' Ottubru 2017, l-istess avukat irċieva email mill-impjegati addetti ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti b' sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant liema email u dokument qed jiġu annessi u mmarkati Dok C;*

*"8. Illi minn verifika tal-Properies tal-fajl elettroniku [kopja hawn annessa mmarkata Dok D] mibgħuta lill-istess avukat jirriżulta li l-fajl mibgħut kien ġie kreat proprju nhar il-31 ta' Ottubru 2017 fl-9:59am u għalhekk ċertament ma setax jikkontjeni sentenza li suppost ingħatat nhar is-26 ta' Ottubru 2017;*

*"9. Illi dan l-istess fajl ittella fuq il-website tal-Qorti proprju fil-31 ta' Ottubru 2017;*

*"10. Illi huwa dritt fundamentali ta' kull akkużat jew parti f'proċeduri li fis-sentenza li tingħata, jkun hemm il-motivazzjoni u r-raġunijiet li jkunu wasslu għal ġudizzju. Din ukoll hija rekwiżit ad validitatem stipulat mill-istess Kodiċi Kriminali. Huwa ċar u manifest fil-każ de quo, dawn il-motivazzjonijiet la ingħataw u lanqas biss kienu jeżistu fil-mument tal-qari tas-sentenza nhar is-26 ta' Ottubru 2017 u għalhekk per consequenza is-sentenza mogħtija u moqrija nhar is-26 ta' Ottubru 2017 fil-konfront tal-appellant hija nulla u ma tiswiex fil-liġi kif del resto ġie ritenut minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea Tad-Drittijiet tal-Bniedem – Papon v France, Ruiz Torija v Spain, Van de HUrk v Netherlands, Boldea v Romania, Hadjianastassiou v Greece, Fomin v Moldova, Salov v Ukraine u Gradinar v Moldova;*

*“11. Illi l-esponent ressaq appell mid-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali [Kopja hawn annessa u mmarkata Dok E];*

*“12. Illi bħala l-ewwel aggravju tiegħu l-esponent qajjem in-nullità tas-sentenza għar-raġunijiet hawn esposti;*

*“13. Illi nhar it-28 ta’ Frar 2018, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali permezz ta’ sentenza preliminari għar-raġunijiet hemm elenkati ċaħdet l-aggravju tar-rikorrent u ordnat il-prosegwiment tal-proċeduri ta’ l-appell [Dok F];*

*“14. Illi bir-rispett l-aġir tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali jikkostitwixxi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent protett taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem u bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta’ Frar 2018 dan id-dritt ta’ l-esponent ser jibqa jiġi leż għaliex fost affarijiet oħra huwa ser ikun mċaħħad mill-benefiċċju tad-doppio esame.*

*“15. Illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v George Michael Spiteri” huma skedati għat-22 ta’ Marzu 2018 għat-trattazzjoni finali;*

*“Għaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joqgħġobha:*

*“1. Tordna pendente lite dawk il-miżuri interim, inkluż it-twaqqif tal-proċeduri penali fl-ismijiet “Il-Pulizija v George Michael Spiteri” pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [Appell Nru. 444/2017] sakemm jiġu deċiżi dawn il-proċeduri, li jidrilha xierqa sabiex id-drittijiet ta’ l-esponent ma jiġux preġudikati;*

*“2. Tiddikjara li l-esponent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq ai termini ta’ l-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

*“3. Tagħti dawk ir-rimedji kollha li jidrilha xierqa lill-esponent sabiex tiġi rimedjata l-leżjoni minnu sofferta;*

*“Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa min’ issa nġunt in subizzjoni.”*

2.2. Fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2018 il-partijiet trattaw l-ewwel talba magħmula mir-rikorrent;[1]

1 Fol. 42.

2.3. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Marzu 2018, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ipprovdiet dwar l-ewwel talba tar-rikorrent billi dderiġiet lill-istess rikorrent jottempora ruħu mal-konsiderazzjonijiet magħmula sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun infurmata kif meħtieġ u tirregola ruħha skont kif jidrilha xieraq fid-dawl ta' dak li ngħad fl-istess sentenza;[2]

2.4. Permezz ta' risposta ppreżentata mill-intimat fl-10 ta' April 2018,[3] laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħad li seħħ ksur ta' jeddijiet fundamentali. Sostna li l-kawża attriċi hija bbażata fuq premessa żbaljata li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tas-26 ta' Ottubru, 2017, hija nulla, ilment li ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Kriminali u miċħud permezz ta' sentenza tat-28 ta' Frar, 2018. Itenni li s-sentenza tas-26 ta' Ottubru, 2017, hija fil-fatt studjata u motivata, u l-ilment ta' ksur tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali mill-Qorti tal-Maġistrati ma jġibx miegħu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

2.5. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet billi: (i) astjeniet milli tqis aktar l-ewwel talba fid-dawl tal-provvediment mogħti minnha fit-22 ta' Marzu, 2018; (ii) ċaħdet it-tieni talba attriċi billi ma

2 Fol. 50 *et seq*.
3 Fol. 55 *et seq*.

ntweriex li r-rikorrenti ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq la taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; (iii) ċaħdet it-tielet talba attriċi billi hija konsegwenzjali għat-tieni talba u billi ma hemmx direttivi li l-Qorti setgħat tagħti fil-qagħda attwali taħt it-tielet talba; u (iv) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrent. Il-motivazzjonijiet tagħha kienu sostanzjalment is-segwenti:

> *"... mill-atti ma jirriżulta mkien li bil-mod kif seħħew il-ġrajjiet marbuta mal-każ tiegħu huwa ċċaħħad mill-jedd li jittratta l-każ, li jkun preżenti hi u tingħata s-sentenza jew li jkun mgħejjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Jirriżulta li, hekk kif ingħatat is-sentenza attakkata, r-rikorrent talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha u seħħlu jressaq fil-ħin l-appell tiegħu minnha quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-fatt li r-rikorrent ma jaqbilx mal-fehmiet tal-ewwel Qorti dwar il-mertu tal-każ jew ma' dawk tal-Qorti tal-Appell Kriminali fiċ-ċaħda tal-aggravju tiegħu tan-nullità tas-sentenza attakkata ma jsarrfux b'daqshekk fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;*
>
> *"Illi l-Qorti ma tistax issib ksur ta' smigħ xieraq għar-raġuni biss li, f'waqt determinat, is-sentenza li ngħatat minn ġudikant ma kinetx motivata fil-verżjoni uffiċjali tagħha, meta jiem wara r-rikorrent laqa' kopja ta' sentenza likienet tabilħaqq motivata...*
>
> *"... Tqis ukoll li r-raġunijiet maħsuba mil-liġi biex iwasslu għat-tħassir ta' sentenza jitolbu ċirkostanzi aktar gravi u radikali minn dawk li dwarhom ir-rikorrent ressaq f'dawn il-proċeduri"*

3. Permezz ta' rikors preżentat fl-4 ta' Jannar 2021, ir-rikorrent appella mis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020. Fih ilmenta illi l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċaħdet it-tieni u tielet talbiet. Għalhekk talab lil din il-Qorti:

> *"tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija nhar is-17 ta' Diċembru 2020 billi tikkonferma in kwantu astjeniet milli tqis aktar l-ewwel talba fid-dawl tal-proccediment mogħti minnha fit-22 ta' Marzu, 2018 u tħassarha u tirrevokaha għal bqija u konsegwentement filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat, tilqa' t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun."*

4. Fir-rikors tal-appell tiegħu r-rikorrent itenni illi dakinhar li r-rikorrent ġie kkundannat għal sentejn priġunerija, fis-26 ta' Ottubru 2017, il-Maġistrat sedenti ma ta l-ebda raġuni jew motivazzjoni għall-istess għaliex ma kienx kiteb is-sentenza. Jikkontendi li l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti huma rrilevanti stante li m'għandux jiġi '*penalizzat għaliex għamel l-għalmu tiegħu u rrispetta t-termini ta' l-appell minkejja li kienu għaddewlu l-biċċa l-kbira minnhom, daqslikieku dan innewtralizza l-leżjoni kostituzzjonali li huwa sofra.'* Ir-rikorrent jikkwota bran mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018 dwar l-importanza li tingħata motivazzjoni mqar skematika f'ġudikat, speċjalment fejn ikun hemm id-deprivazzjoni tal-libertà, u jikkontendi li l-Qorti tal-ewwel grad injorat ir-rassenja ta' ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li rrefera għaliha.

5. Da parti tiegħu l-appellat wieġeb illi (i) <u>in linea preliminari</u>, ir-rikors tal-appell huwa null għaliex ġie ntavolat fil-Qorti żbaljata; u (ii) <u>fil-mertu</u>, l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud.

<u>L-eċċezzjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell.</u>

6. Fir-rikors tal-appell kien hemm stampat il-kliem "Qorti tal-Appell". Ovvjament dak hu żball, għaliex il-kawża titratta dwar allegat ksur tal-jedd

fundamentali għal smigħ xieraq. Appell mis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020 kellu jsir quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

7. Madankollu l-eċċezzjoni hi llum eżawrita għaliex fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 din il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fir-rikors tal-appell fis-sens li l-kliem "Qorti tal-Appell" jitħassru u jinbidlu bil-kliem "Qorti Kostituzzjonali".

Il-mertu tal-appell.

8. Fit-2 ta' Awissu 2015 ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja,[4] liema Qorti eventwalment ikkonvertit ruħha f' Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Lanqas ma huwa kontestat li għalkemm is-sentenza kellha tingħata fit-12 ta' Ottubru 2017, fuq talba mhux opposta tal-*parte civile,* il-każ ġie differit għal dan l-iskop għas-26 ta' Ottubru 2017. Madanakollu jsostni li fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017 meta ngħatat is-sentenza, il-Maġistrat qal biss li sab lill-akkużat ħati tal-akkużi u kkundannah għal sentejn priġunerija mingħajr ma ta l-ebda motivazzjoni għal dan.

4 L-akkużi kontrih ġew elenkati fir-rikors promotur – vide para. 2.1; ara ukoll fol 84 – 85.

9. Dan ġie kkonfermat mill-avukat tar-rikorrent[5] li kien preżenti in awla.[6] L-istess avukat żied jgħid li wara l-għoti tas-sentenza vverifika l-proċess relattiv u fih ma sab ebda sentenza iżda biss notament miktub mill-Maġistrat fuq il-komparixxi li jaqra '*sentejn priġunerija (iffirmat) 26.10.17'*.[7] Igħid ukoll li l-għada filgħodu mar fis-sigrieta tal-istess Qorti sabiex jitlob kopja tas-sentenza in kwistjoni u ngħata biss id-dokument a fol. 6 – 7 liema dokument huwa datat 12 ta' Ottubru 2017 u nieqes għal kollox minn kwalsiasi konsiderazzjonijiet. Jgħid li huwa rċieva s-sentenza datata 26 ta' Ottubru 2017[8] permezz ta' email fil-31 ta' Ottubru 2017[9] u allegatament il-*properties* ta' dak id-dokument elettroniku juru li l-*file* kien sar proprju ftit qabel.[10] A bażi ta' dan kollu jsostni li s-sentenza ġiet effettivament miktuba fil-31 ta' Ottubru 2017 u mhux fis-26 ta' Ottubru 2017 meta r-rikorrent instab ħati, mingħajr ebda motivazzjoni, ħati tal-akkużi mputati lilu.

10. Huwa nkontestat li minkejja kollox:

10.1. Fit-3 ta' Novembru 2017 ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u *inter alia* wieħed mill-aggravji hu proprju n-nullita` tas-sentenza appellata dejjem a bażi tal-

5 Fol. 59.
6 Fol. 89.
7 Fol. 5.
8 Fol. 9 – kien nhar ta' Ħamis.
9 Nhar ta' Tlieta.
10 Fol. 11.

ilment li fil-jum li ngħatat, kienet nieqsa għal kollox minn motivazzjoni.[11] Ma jirriżultax li r-rikorrent, fir-rikors tal-appell li ppreżenta fil-Qorti tal-Appell Kriminali u fir-rikors promotur ta' din il-kawża, ilmenta li ma kellux biżżejjed żmien sabiex jipprepara l-appell; u

10.2. Li permezz ta' sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018, l-aggravju dwar in-nullita` tas-sentenza kien miċħud[12] wara li qalet li:

> *"..... dak li jidher miktub mill-Maġistrat di proprio pugno fuq il-komparixxi huma biss notament tiegħu li jirriflettu l-kundanna tal-appellanti għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu u l-piena applikabbli, stabbilit ukoll illi fl-atti hemm deċiżjoni li tissodisfa r-rekwiżiti imfassla fl-artikolu 382 hawn fuq iċċitat, din il-Qorti ma tistax tirraviża l-ebda nullita' kif ipprospettat mill-appellant.*
>
> *"Dan għaliex ir-ratio legis wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm-il persun akkużata kif ukoll kul min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubju illi d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dawn ir-rekwiżiti tissodisfahom.*
>
> *"Issa għalkemm l-appellanti għandu raġun meta jilmenta illi huwa kellu dritt jingħata l-kopjha tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux waħda imħarbxa ta' malajr biex huwa jkun jista' jinqeda biha għal fini biex iħejji l-appell u ma kellux allura jingħata sentenza li għandha partijiet minnha nieqsa dawn in-nuqqasijiet għalkemm jistgħu jkunu ta' preġudizzju għal partijiet fil-kawża ma jistgħux jikkostitwixxu nullita' sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija ċara fid-decide tagħha".*

11. Din il-Qorti rat l-atti eżebiti u tinnota li 'Dok D', li huwa *print screen* tal-kompjuter tal-avukat tar-rikorrent fl-1 ta' Novembru 2017 li juri l-

11 Fol. 12 -16.
12 Fol. 27 *et seq*.

*properties* tal-file elettroniku li fih kienet miktuba s-sentenza in kwistjoni, jgħid hekk:

> *"Last modified yesterday, 9:59*
> *Created yesterday, 9:59*
> *Last Printed 27/10/2017"*

12. Huwa ovvju minn dan il-*print screen* li l-*file* in kwistjoni ma setax ġie krejat fil-31 ta' Ottubru 2017, kif isostni ir-rikorrent. Ibda biex, ma jistax ikun li l- *file* kien miftuħ u mmodifikat l-aħħar, fl-istess ħin. Aktar minn hekk, huwa impossibli li dokument li allegatament sar fil-31 ta' Ottubru 2017, kien l-aħħar stampat fis-27 ta' Ottubru 2017, ossija erbat ijiem qabel. Iżda f'kull każ, dan jixhed biss informazzjoni relatata mal-verżjoni elettronika tas-sentenza li ntbagħtet lir-rikorrent minn uffiċjal tal-Qorti. Inoltre, ma jirriżultax li l-uffiċjal tal-Qorti li bagħtet id-dokument tressqet bħala xhud sabiex tispjega x'kien ġara.

13. Min-naħa l-oħra, jirriżulta ppruvat illi: (i) fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2017 inqara biss id-*decide*; (ii) kopja tas-sentenza ma kinitx tinsab fil-proċess, għajr notament miktub mill-Maġistrat fuq il-komparixxi limitatamenet dwar il-piena inflitta; u li (iii) minkejja li l-avukat tar-rikorrent għamel mill-aħjar sabiex jingħata kopja tas-sentenza relattiva, l-istess intbagħtet fil-31 ta' Ottubru 2017. Il-Qorti tagħmilha ċara li ma tapprova xejn mal-*modus operandi* tal-Qorti li tat is-sentenza. Kull ġudikant jaf li sentenza għandu jkun fiha r-raġunijiet għad-deċiżjoni, u li dakinhar li tingħata tkun disponibbli kopja tal-istess lill-partijiet involuti fil-każ.

Każijiet bħal dak in eżami ma jirriflettu xejn tajjeb fuq il-ġudikant u l-amministrazzjoni tal-Qorti, u m'għandhomx jiġru. Inċidenti li jservu biss biex jinqalgħu iktar kwistjonijiet u dewmien f'proċeduri bla bżonn.

14. Kif rajna fil-proċess kriminali r-rikorrent diġa` ta l-aggravju dwar in-nullita` tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[13] Aggravju li kif rajna ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

15. Illum irid jiġi determinat jekk ir-rikorrent ingħatax smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali. F'dan ir-rigward iridu jiġu kkunsidrati l-proċeduri fl-intier tagħhom.

16. Il-ġurisprudenża li għamel referenza għaliha r-rikorrent stess tistabbilixxi s-segwenti prinċipji ġenerali:

> *"107. The Court reiterates that the effect of Article 6 § 1 is, inter alia, to place a "tribunal" under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence, without prejudice to its assessment or to whether they are relevant for its decision, given that the Court is not called upon to examine whether arguments are adequately met ... Nevertheless, although Article 6 § 1 obliges courts to give reasons for their decisions, it cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument ... The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case ...*
>
> *"108. For instance, in Ruiz Torija v. Spain (judgment of 9 December 1994, Series A no. 303-A, §§ 29 and 30) the Court found that the failure of the domestic court to deal with the applicant's contention that the court action against her had been time-barred amounted to a violation of Article 6 of the Convention. Similar failures to give sufficient reasons*

13 Fol. 12.

*resulted in findings of violations of Article 6 of the Convention in Hiro Balani (cited above, §§ 27 and 28), Suominen v. Finland (no. 37801/97, §§ 34-38, 1 July 2003), Salov v. Ukraine (no. 65518/01, § 92, ECHR 2005-... (extracts), Popov v. Moldova (no. 2), (no. 19960/04, §§ 49-54, 6 December 2005), Melnic v. Moldova (no. 6923/03, §§ 39-44, 14 November 2006) and other similar cases."*[14]

17. M'hemmx dubju li kull parti f' kawża, speċjalment f'proċeduri ta' natura kriminali li jistgħu jwasslu għad-deprivazzjoni tal-liberta` tal-imputat, għandha tkun taf ir-raġunjiet li jissostanzjaw is-sentenza mogħtija mill-awtorita` ġudizzjarja li tkun semgħet u ddeċidiet dak il-każ. Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fil-każ *Fomin v. Moldova*[15] intqal:

> *"31. The Court reiterates its findings in the case of Suominen v. Finland, (cited above, § 37) as follows:*
>
> > *"... a further function of a reasoned decision is to demonstrate to the parties that they have been heard. Moreover, a reasoned decision affords a party the possibility to appeal against it, as well as the possibility of having the decision reviewed by an appellate body. It is only by giving a reasoned decision that there can be public scrutiny of the administration of justice (c.f. Hirvisaari v. Finland, no. 49684/99, § 30, 27 September 2001, unreported)."*
>
> *"The right to be heard therefore includes not only the possibility to make submissions to the court, but also a corresponding duty of the court to show, in its reasoning, the reasons for which the relevant submissions were accepted or rejected. This duty is always subject to the proviso that a court may consider it unnecessary to respond to arguments which are clearly irrelevant, unsubstantiated, abusive or otherwise inadmissible owing to clear legal provisions or well-established judicial practice in respect of similar types of arguments."*

---

14 *Gradinar v. Moldova*, (Application no. 7170/02) deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' April 2008.
15 Application no. 36755/06, deċiż fil-11 ta' Ottubru 2011.

18. Sentenza tingħata billi tinqara fil-miftuħ mill-Qorti li ttiha waqt seduta li tkun ġiet stabbilita għal dak il-għan. Għal finijiet ta' smigħ xieraq, m'huwiex meħtieġ li fl-udjenza li fiha tingħata s-sentenza l-ġudikant jaqra l-konsiderazzjonijiet kollha li jkunu wassluha għall-konklużjoni, sakemm il-motivazzjonijiet jkunu jirriżultaw mis-sentenza li tiġi depożitata fir-reġistru tal-Qorti li tkun tatha jew fil-pubblikazzjoni uffiċjali tal-istess u din tkun disponibbli għal skrutinju pubbliku.[16] Skont il-ġurisprudenza tal-QEDB, fosthom dik appena ċitata, tali motivazzjonijiet huma meħtieġa sabiex: (i) jintwera li l-parijiet instemgħu; (ii) jiġi żgurat skrutinju pubbliku tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja; kif ukoll sabiex (iii) il-partijiet ikunu f'pożizzjoni jirregolaw ruħhom rigward id-dritt ta' appell.[17]

19. F'dan il-każ, ir-rikorrent jilmenta li kien biss fil-31 ta' Ottubru 2017 li fil-każ tiegħu kien hemm sentenza b'motivazzjoni u mhux dakinhar li ngħatat is-sentenza fis-26 ta' Ottubru 2017. Ir-rikorrent isostni li dak wassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

20. Iċ-ċirkostanzi li wasslu għal dan il-każ huma differenti miċ-ċirkostanzi tal-każijiet tal-QEDB li rrefera għalihom ir-rikorrent u li skontu kellhom iwasslu lill-Qorti tal-ewwel grad sabiex tilqa' t-tieni u t-tielet talba tar-rikors. F'dawk il-każijiet, mhux biss intwera li s-sentenza/i tal-Qrati

---

16 Salv għal xi divjet ta' pubblikazzjoni jew xandir ta' ismijiet jew informazzjoni sensittiva oħra lill-persuni li m'humiex parti f'dawk il-proċeduri kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni nnifisha.
17 Ara ukoll *Salov v. Ukraine*, deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Settembru 2005 (Application no. 65518/01), § 89 u §92.

nazzjonali rispettivi kienu nieqsa minn motivazzjoni xierqa, iżda ġie ppruvat ukoll li l-applikant kien effettivament ġarrab ħsara minħabba dak in-nuqqas.

21. Hekk per eżempju fil-każ ta' *Hadjianastassiou v. Greece*[18] il-QEDB sabet ksur tad-dritt tal-applikant għal smigħ xieraq mhux biss għall-fatt li s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-*Courts-Martial Appeal Court* fit-22 ta' Novembru 1985 kienet tirreferi għal motivazzjonijiet f'*record of deliberations* li l-applikant irċieva fl-10 ta' Jannar 1986, iżda għall-fatt li l-applikant f'dawk il-proċeduri kellu biss ħamest ijiem mid-data tas-sentenza biex jintavola appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni, liema dritt huwa kien ġie effettivament imċaħħad minnu peress li sar jaf il-motivazzjonijiet tas-sentenza minnu kontestata kontenuti fir-*record of deliberations* wara li kien diġa għadda t-terminu tal-appell:

> *"36. ... When Mr Hadjianastassiou received the record of the hearing, on 10 January 1986, he was barred from expanding upon his appeal on points of law. According to a consistent line of cases, additional submissions may be taken into account only if the initial appeal sets out at least one ground which is found to be admissible and sufficiently substantiated (see paragraph 26 above). 37. In conclusion, the rights of the defence were subject to such restrictions that the applicant did not have the benefit of a fair trial ..."*

22. F'dan il-każ ma jirriżultax li r-rikorrent sofra xi preġudizzju simili. Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-ewwel grad, kif ingħatat is-sentenza, ir-

[18] (Application no. 12945/87).

rikorrent talab għas-sospensjoni tal-istess. Talba li intlaqgħet. Sussegwentment appella mis-sentenza fit-terminu kontemplat mil-liġi. L-ilment fir-rikors promotur m'huwiex li r-rikorrent ma kellux biżżejjed żmien sabiex jipprepara l-appell. Ir-rikorrent jippretendi iżda li tali fatt huwa mmaterjali għaliex fil-fehma tiegħu m'għandux jiġi:

> *"penalizzat għaliex għamel l-għalmu tiegħu u rrispetta t-termini ta' l-appell minkejja li kienu għaddewlu l-biċċa l-kbira minnhom, daqslikieku dan innewtralizza l-leżjoni kostituzzjonali li huwa sofra".*

23. Pero` dak l-argument ma jgħinx il-każ tar-rikorrent. Il-jedd hu li jkollu smigħ xieraq. F'dan il-każ, ladarba r-rikorrent kien f'pożizzjoni jappella fil-ħin mis-sentenza attakkata u fil-fatt hekk għamel u ta r-raġunijiet għalfejn is-sentenza li biha nstab ħati għandha titħassar, ma jirriżultax li sofra xi preġudizzju għall-fatt li kien fil-31 ta' Ottubru 2017 li sar jaf bir-raġunijiet li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Mir-rikors tal-appell li ppreżenta r-rikorrent fit-3 ta' Novembru 2017, jirriżulta li l-aggravji kollha jindirizzaw s-sentenza li d-difensur tar-rikorrent irċieva fil-31 ta' Ottubru 2017 u ċioe` is-sentenza li fiha l-motivazzjoni. Fil-fatt it-tieni aggravju jitratta proprju l-meritu tal-każ u għalfejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet żbaljata fl-apprezzament tal-provi li għamlet dik il-Qorti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tissokta bis-smigħ tal-appell fil-konfront tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr